

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Ottubru 2014 – Euro-Link Consultants u European Profiles vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-199/12) <sup>(1)</sup>

*(“Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta’ sejħa għal offerti — Proġett ta’ sostenn u ta’ diversifikazzjoni tat-turiżmu fil-Krimea — Ċaħda tal-offerta ta’ offerent — Rikors għal annullament — Att li ma jistax ikun suġġett għal rikors — Att konfermattiv — Inammissibbiltà parzjali — Obbligu ta’ motivazzjoni — Kriterji ta’ għoti — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Użu ħażin ta’ poter — Ugwaljanza fit-trattament”)*

(2014/C 395/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Euro-Link Consultants Srl (Bucharest, ir-Rumanija); u European Profiles AE Meleton kai Symvoulon Epicheiriseon (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Bartelt u A. Bordes, sussegwentement S. Bartelt u M. Konstantinidis, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fl-Ukraina, tat-28 ta' Frar 2012, mogħtija fil-kuntest ta' proċedura ta' sejħa għal offerti ristretta EuropeAid/131567/C/SER/UA, “Proġett ta' sostenn u ta' diversifikazzjoni tat-turiżmu fil-Krimea”, li ma tagħtix il-kuntratt lill-konsorzju tar-rikorrenti, kif ukoll tad-deċiżjonijiet wara ċ-ċaħda tal-ilmenti tagħhom meħuda fl-14 ta' Marzu 2012 mill-istess awtorità u fit-2 ta' Mejju 2012 mid-Direttur tad-Direttorat “Viċinat” tad-Direttorat Ġenerali “Żvilupp u kooperazzjoni – EuropeAid” tal-Kummissjoni.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Euro-Link Consultants Srl u European Profiles AE Meleton kai Symvoulon Epicheiriseon huma kkundannati għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 209, 14.07.2012

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2014 – Spirlea vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-306/12) <sup>(1)</sup>

*[“Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — It-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) — Talbiet għal informazzjoni indirizzati mill-Kummissjoni lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja fil-kuntest ta’ proċedura EU Pilot — Rifjut ta’ aċċess — Obbligu li jitwettaq eżami konkret u individwali — Interess pubbliku superjuri — Aċċess parzjali — Obbligu ta’ motivazzjoni”]*

(2014/C 395/46)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Darius Nicolai Spirlea u Mihaela Spirlea (Capezzano Pianore, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalment minn V. Foerster u T. Pahl, sussegwentement minn V. Foerster u E. George, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira, aġent, assistit inizjalment minn A. Krämer u R. Van der Hout, sussegwentement minn R. Van der Hout, avukati)

*Intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Ir-Renju tad-Danimarka, irrappreżentat inizjalment minn V. Pasternak Jørgensen u C. Thorning, sussegwentement minn C. Thorning u K. Jørgensen, aġenti; Ir-Repubblika tal-Finlandja (rappreżentanti: S. Hartikainen, aġent); u r-Renju tal-Isvezja (rappreżentanti: inizjalment minn C. Meyer-Seitz, A. Falk, C. Stege, S. Johannesson, U. Persson, K. Ahlstrand-Oxhamre u H. Karlsson, sussegwentement minn C. Meyer-Seitz, A. Falk, U. Persson, L. Swedenborg, C. Hagerman u E. Karlsson, aġenti)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, T. Müller u D. Hadroušek, aġenti); u r-Renju ta' Spanja (rappreżentanti: inizjalment minn S. Centeno Huerta, sussegwentement minn M. J. García-Valdecasas Dorrego, abogados del Estado)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-21 ta' Ġunju 2012, li tirrifjuta li tagħti aċċess lir-rikorrenti għal żewġ talbiet għal informazzjoni indirizzati mill-Kummissjoni lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fl-10 ta' Mejju u fl-10 ta' Ottubru 2011, fil-kuntest tal-proċedura EU Pilot 2070/11/SNCO.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 273, 08.09.2012.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2014 – Koscher + Würtz vs UASI – Kirchner & Wilhelm (KW SURGICAL INSTRUMENTS)

(Kawża T-445/12) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Komunità Ewropea — Trade mark figurattiva KW SURGICAL INSTRUMENTS — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti Ka We — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Proċedura għat-tressiq ta’ kawża — Firxa tal-eżami li għandu jsir mill-Bord tal-Appell — Prova tal-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Rikors ippreżentat quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni — Rifjut tar-reġistrazzjoni tat-trade mark li saret applikazzjoni għaliha mingħajr evalwazzjoni minn qabel tal-kundizzjoni tal-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Żball ta’ liġi — Setgħa ta’ riforma”)*

(2014/C 395/47)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Koscher + Würtz GmbH (Spaichingen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Mes, C. Graf von der Groeben, G. Rother, J. Bühling, A. Verhauwen, J. Künzel, D. Jestaedt, M. Bergermann, J. Vogtmeier u A. Kramer, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Kirchner & Wilhelm GmbH + Co. (Asperg, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Dönch, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-6 ta' Awwissu 2012 (Każ R 1675/2011-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Kirchner & Wilhelm GmbH + Co. u Koscher + Würtz GmbH.